KUMMISSJONI NAZZJONALI
PERSUNI B'DIŻABILITÀ

# RAPPORT TA' ĦIDMA 2010

www.knpd.org

# Rapport ta' Ħidma **2010**

Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

Pubblikazzjoni:
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabiltà
Bugeia Institute
Braille Street
Santa Venera
Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
Sms: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org

www.knpd.org

ISBN No: 978-99909-71-50-7

Dan ir-rapport jista' jinkiseb minn fuq il-websajt tal-KNPD
u fuq awdjo bil-Malti mill-uffiċini tal-KNPD.
Sommarju faċli biex taqra jista' jinkiseb ukoll mill-websajt tal-KNPD.

An English version of this report is available
on the KNPD website or from the KNPD offices.



# L-impenn

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità timpenja ruħha biex is-soċjetà Maltija tkun waħda inklussiva, b'mod li l-persuni b'diżabilità permezz ta' opportunitajiet indaqs fl-oqsma kollha tal-ħajja jilħqu l-milja tagħhom bħala bnedmin li jgawdu minn kwalità ta' ħajja għolja.

Fit-twettiq ta' dan l-impenn, il-KNPD taħdem biex is-soċjetà telimina kull forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra l-persuni b'diżabilità jew il-familji tagħhom filwaqt li tipprovdilhom l-għajnuna u l-appoġġ meħtieġ.




# Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

## 1.1 It-Twaqqif tal-KNPD

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità twaqqfet għall-ewwel darba fit-3 ta' Novembru 1987, meta l-Ministru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien, l-Onor Dr Louis Galea, kien għamel stqarrija parlamentari li fiha ħabbar li kien ħatar l-ewwel membri ta' din il-KNPD.

Fl-10 ta' Frar 2000, il-KNPD twaqqfet uffiċjalment, din id-darba skond l-Att Nru. 1 tas-Sena 2000, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). F'din l-istess liġi ġew stabbiliti l-għanijiet tal-KNPD li huma li:

- tidentifika, tistabbilixxi u taġġorna kull prinċipju ta' eżekuzzjoni nazzjonali li sew direttament u sew indirettament ikollu x'jaqsam ma' affarijiet ta' diżabilità;
- tidentifika l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità u tieħu dawk il-passi kollha meħtieġa, jew tipproponi miżuri xierqa, sabiex kemm jista' jkun tipprovdi għal dawk il-ħtiġijiet;
- tiżgura li kull programm tal-Gvern li jkun jolqot l-affarijiet u l-interessi ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, jitwettaq skond il-prinċipji ta' eżekuzzjoni nazzjonali dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mad-diżabilità;
- tiżgura li jkun hemm il-koordinazzjoni meħtieġa bejn id-Dipartimenti u l-aġenziji kollha tal-Gvern fit-twettiq ta' miżuri, servizzi jew inizjattivi li jiġu proposti mill-Gvern jew mill-KNPD minn żmien għal żmien;
- iżżomm kuntatt dirett u kontinwu ma' korpi lokali u barranin li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, u ma' gruppi, aġenziji, jew individwi oħra skond il-ħtieġa;
- tissorvelja l-għoti ta' servizzi offruti mill-Gvern jew l-aġenziji tiegħu, jew minn kull persuna jew grupp ta' persuni oħra, meta l-klijenti ta' dawk is-servizzi jkunu persuni b'diżabilità;

- taħdem biex titneħħa kull diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità;
- twettaq investigazzjonijiet ġenerali bil-għan li tistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux qegħdin jitħarsu;
- tinvestiga dawk l-ilmenti li jistgħu jsirulha dwar xi nuqqas ta' tħaris ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att f'xi każ individwali u, meta dan ikun jista' jsir, tikkonċilja għar-rigward ta' dawk l-ilmenti;
- tidħol fil-mertu ta' kwistjonijiet, u tiddeċiedi dwarhom, meta dawn jiġu lilha riferuti mill-Ministru;
- tipprovdi għajnuna, skond iċ-ċirkustanzi, inkluż għajnuna legali u finanzjarja, lil persuni b'diżabilità fil-ksib ta' jeddijiethom bis-saħħa ta' dan l-Att;
- tibqa' tissorvelja t-tħaddim ta' dan l-Att u, meta l-KNPD jkun hekk jidhrilha jew hekk tinħtieġ li tagħmel mill-Ministru, tabbozza u tissottometti lill-Ministru proposti għal emendi fl-Att;
- teżamina liġijiet, u (meta l-Ministru hekk jitlobha li tagħmel) tipproponi liġijiet, bil-għan li taċċerta jekk il-liġijiet attwali jew proposti jkunux jew jistgħux ikunu inkonsistenti mal-għanijiet ta' dan l-Att jew imorru kontrihom, u twassal rapport lill-Ministru dwar ir-riżultati ta' kull analiżi simili;
- tipprovdi dawk is-servizzi kollha li jistgħu jinħtieġu jew jintalbu mill-KNPD sabiex din tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha;
- tiġbor, tanalizza u tippubblika statistika dwar il-qasam tal-persuni b'diżabilità li, fost ħwejjeġ oħra, tkun turi l-livell nazzjonali milħuq fil-politika dwar l-inklużjoni.

## 1.2 Il-Perjodu ta' dan ir-Rapport

Dan ir-rapport ikopri s-sena kalendarja 2010 u qed isir skont kif jitlob Artiklu 30 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Dan ir-rapport ma jinkludix il-ħidma li l-KNPD wettqet fit-tħaddim u t-tħaris tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs innifisha. Rapport dwar din il-ħidma ġie ppubblikat separatament fi Frar 2011, rapport li kkommemora wkoll l-10 anniversarju ta' din il-Liġi. Peress li din il-Liġi daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2000, ir-rapport annwali dwar din il-ħidma jkopri l-perjodu minn Ottubru sa Settembru tas-sena ta' wara. Kopja tar-Rapport tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs 2009-2010 tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-KNPD u tinsab ukoll fuq is-sit elettroniku tal-KNPD: **www.knpd.org**

## 1.3 L-Istruttura tal-KNPD

Il-membri tal-KNPD jinħatru mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministeru tal-Politika Soċjali għal perjodu ta' sentejn. Fl-2010, il-bord kien kompost kif jidher f'Tabella 1.

Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Artiklu 21) titlob li nofs il-membri tal-KNPD jkunu persuni b'diżabilità jew ġenituri ta' persuni b'diżabilità mentali. Il-kompożizzjoni tal-KNPD tissodisfa dan il-kriterju minħabba li ħames membri għandhom diżabilità waqt li tliet membri huma ġenituri ta' persuni b'diżabilità mentali.

## 1.4 Laqgħat tal-KNPD

Matul l-2010, il-KNPD ltaqgħet 11 il-darba u ddiskutiet dawn is-suġġetti:

- Il-Pjan ta' Ħidma tal-KNPD għas-sena 2010
- Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità
- Ilmenti mressqa quddiem it-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs
- L-Implimentazzjoni tal-*Policy* dwar l-Impjieg tal-Persuni b'Diżabilità
- Il-Kumitat Konsultattiv 16+
- Il-Persuni b'Diżabilità f'Għawdex
- Il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' *Respite Care*
- Il-Baġit Nazzjonali
- Il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità
- Proġetti tal-KNPD iffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea (UE)
- Il-Linji Gwida *Access for All*, inkluż ir-reviżjoni tal-linji gwida għal-lukandi
- Moniteraġġ tal-użu tal-*Blue Sticker*
- Dħul ta' Studenti b'Diżabilità fl-Iskejjel Sekondarji tal-Knisja
- Is-Servizz ta' Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq u t-Taxxa tar-Reġistrazzjoni
- Il-*University of Malta Disability Studies Programme.*

**Tabella 1.1**

### Kompożizzjoni tal-KNPD - 2010

| ISEM | STATUS |
|---|---|
| Is-Sur Joseph M. Camilleri [a] | Iċ-Ċermen |
| Is-Sna Rita Vella [a] | Il-Viċi Ċermen |
| Is-Sur George A. Borg | Mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xogħol u l-Familja |
| Dr Victoria Farrugia Sant'Angelo | Mill-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-kura tal-Kommunità |
| Is-Sur Alfred Bezzina | Mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment |
| Is-Sna Mary Rose Attard | Mill-Ministeru għal Għawdex |
| Is-Sur Anthony Mifsud | L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali |
| Dr Marie Alexander | L-Università ta' Malta |
| Fr Martin Micallef | L-Arċidjoċesi ta' Malta |
| Is-Sna Marica Gatt [a] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sna Tessa Anastasi [a] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Ronald Galea [a] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Marchita Mangiafico [a] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Joseph Stafrace [a] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sna Anne-Marie Callus | Segretarja/Direttur Eżekuttiv |

[a] Persuni b'diżabilità jew ġenituri ta' persuni b'diżabilità mentali

Kien hemm ukoll preżentazzjoni ta' rapport mill-Kumitat Konsultattiv tal-Persuni b'Diżabilità Intellettwali rigward 'Fejn Nixtiequ Ngħixu'.

### 1.5 Kumitat Konsultattiv tal-Persuni b'Diżabilità Intellettwali

Il-Kumitat iż-Żgħir hu magħmul kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Chair:** | Is-Sur Omar Jelassi |
| **Viċi Chair:** | Is-Sur Brian Micallef |
| **Segretarja:** | Is-Sna Marthese Deguara |
| **Assistenta Segretarja:** | Is-Sna Alison Bonello |
| **Membri:** | Is-Sna Isabel Bonello |
| | Is-Sna Lisa Borg |
| | Is-Sna Lourdes Farrugia |

Matul l-2010, dan il-Kumitat għamel 9 laqgħat. Tlieta kienu tal-Kumitat iż-Żgħir li fihom ġew pjanati l-laqgħat għall-membri tal-Kumitat il-Kbir. Dawn il-laqgħat trattaw dawn is-suġġetti:

- Meta n-Nies ma Jġibux Ruħhom Sewwa Magħna
- Il-Ħruġ u l-Ħbieb
- L-Edukazzjoni

Barra minn hekk, saret ukoll laqgħa li fiha l-membri tal-Kumitat il-Kbir għażlu l-membri tal-Kumitat iż-Żgħir, kif indikat hawn fuq.
Il-Kumitat ħa sehem ukoll f'attività fil-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità li fiha preżenta riċerka dwar il-ħajja tal-persuni b'diżabilità intellettwali f'Malta. Din saret fil-preżenza tal-Onor Dolores Cristina, Ministru tal-Edukazzjoni, Impjieg u l-Familja.

### 1.6 Is-Segretarjat tal-KNPD

Is-Segretarjat tal-KNPD hu bbażat fil-Bugeia Institute, f'Santa Venera. Fil-preżent, f'dan is-Segretarjat hemm 23 membri tal-istaff – 18 fuq bażi *full-time*, filwaqt li 5 huma fuq bażi *part-time* jew jaħdmu sigħat imnaqqsa. Ħdax minn dawn il-ħaddiema huma persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, il-KNPD, biex tkun tista' tipprovdi s-servizzi tagħha bl-aħjar mod possibbli, tixtri wkoll is-servizzi ta' diversi professjonisti inkluż dawk legali, mediċi, paramediċi, finanzjarji, ta' periti u ta' interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

Is-Sna Anne-Marie Callus inħatret bħalha Direttur Eżekuttiv minn Jannar 2010, filwaqt li s-Sna Alison Zammit ġiet appuntata *Manager* (Riċerka u Policy) u s-Sur Elvin Sciberras *Assistant Manager* (Amministrazzjoni u Finanzi). Ġew ingaġġati wkoll is-Sna Victoria Grech, bħalha *Assistant Services Officer*, is-Sna Marie Portelli bħalha *Draughtsperson* (bħalha parti mir-riforma tal-MEPA), u s-Sur Bernard Busuttil bħalha Amministratur tal-Proġett Progress. Is-Sna Mary Rose Meli temmet il-kuntratt tagħha bħalha Amministratur tal-Proġett tal-Fond Ewropew għall-iŻvilupp Reġjonali.

Il-KNPD tħeġġeġ b'diversi modi l-istaff tagħha biex ikomplu bl-iżvilupp professjonali tagħhom. Dan jinkludi

- 3 membri tal-istaff ingħataw il-possibilità li jaħdmu ħinijiet flessibbli u anke *study leave* biex huma jkunu jistgħu jkomplu bl-istudju universitarju tagħhom;

- ġiet organizzata Staff Development Day għall-ħaddiema kollha tas-segretarjat b'sessjonijiet ta' taħriġ, li din is-sena ffokat fuq il-komunikazzjoni ma' persuni oħra u *assertiveness.* Kien hemm ukoll sessjoni ta' taħriġ dwar il-Liġi għal-Liberta' tal-Informazzjoni;
- 4 membri tal-istaff attendew korsijiet ta' taħriġ organizzati mill-iStaff Development Organisation.
- 4 membri tal-istaff ħadu sehem fi żjarat ta' studju barra minn Malta sabiex jiżviluppaw aktar ħiliet fir-rigward tal-ħidma tagħhom. Dawn iż-żjajjar kienu finanzjati mill-Programm Leonardo tal-Unjoni Ewropea, bħalha parti mill-Proġett *Capacity Building for KNPD Staff.*

## 1.7 Ir-Rapport ta' Ħidma għas-Sena 2009

F'Marzu 2010, il-KNPD ippreżentat ir-rapport ta' ħidma tagħha għas-sena ta' qabel waqt konferenza stampa għall-*media* kollha. Il-konferenza stampa, li pparteċipat fiha l-Onor. Dolores Cristina, saret fil-bini tat-Taqsima Ħajja Indipendenti li l-KNPD qed tibni u tgħammar permezz ta' fondi mill-FEŻR.

Ir-rapport, bil-Malti, bl-Ingliż, faċli-biex-taqra (bil-Malti), u awdjo, jista' jinkiseb mill-uffiċini tal-KNPD. L-ewwel tliet formati jistgħu jinkisbu wkoll minn fuq is-sit elettroniku tal-KNPD: www.knpd.org




# Ħidma Kontra d-Diskriminazzjoni

### 2.1 Investigazzjoni ta' Lmenti Skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

Il-KNPD hi inkarigata li tara li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs tiġi osservata b'mod raġjonevoli. Għal dan il-għan il-KNPD tirċievi lmenti mingħand persuni b'diżabilità u membri tal-familja tagħhom li jħossu li qed issir diskriminazzjoni a bażi tad-diżabilità. Il-KNPD tinvestiga dawn l-ilmenti, tipprova tirrimedja biex kemm jista' jkun tinstab soluzzjoni raġjonevoli fl-iqsar żmien possibbli, u fejn dan ma jkunx possibbli anke tieħu l-ilmenti quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ jew inkella l-Qorti.

Kif rappurtat f'Sezzjoni 1.2, ir-rapport annwali dwar din il-ħidma jiġi ppreżentat separatament. Minħabba dan il-fatt, dan ir-rapport ma jagħtix rendikont tal-ħidma tal-KNPD fit-tħaddim dirett ta' din il-Liġi. Dan jgħodd ukoll għall-ħidma relatata mal-Bord dwar x'Inhu Raġonevoli, liema ħidma hija rrapportata fir-Rapport Annwali dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs.

Din is-sena l-KNPD ippublikat il-verżjoni faċli-biex-taqra, il-verżjoni awdjo u d-DVD bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs, permezz ta' fondi miksuba mill-Programm Progress tal-Unjoni Ewropea.

### 2.2 Ivvettjar ta' Applikazzjonijiet tal-MEPA

Bħala parti mill-infurzar ta' din il-Liġi, il-MEPA hi obbligata li tikkonsulta mal-KNPD dwar applikazzjonijiet għal żvilupp ta' bini li hu miftuħ għall-pubbliku u li jkun ta' użu maġġuri. Din il-konsultazzjoni tikkonsisti f'żewġ eżerċizzi:

a) il-MEPA tibgħat il-pjanti lill-KNPD biex tekniċi tagħha jeżaminaw u jaraw jekk dawn humiex konformi mal-Linji Gwida maħruġin mill-KNPD u li huma ppubblikati fil-ktieb *Access for All - Design Guidelines*;

b) il-MEPA titlob lill-iżviluppatur sabiex iġib ċertifikat mill-KNPD fejn jgħid li l-bini lest hu skont dawn l-istess Linji Gwida, qabel il-MEPA toħroġ il-*Compliance Certificate*. B'dan il-mod l-iżviluppatur

Tabella 2.1

**Ivvettjar ta' Applikazzjonijiet għall-Iżvilupp**

| | 2009 | 2010 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Applikazzjonijiet** | 766 | 719 | -6% |
| **Rakkomandati b'kundizzjonijiet** | 261 | 285 | +9% |
| **Mhux rakkomandati** | 361 | 308 | -15% |
| **Aktar informazzjoni mitluba** | 144 | 121 | -16% |
| **Pendenti** | 39 | 5 | -87% |

Grafika 2.1 **Ivvettjar ta' Applikazzjonijiet għall-Iżvilupp**




ikun jista' japplika għad-dawl u l-ilma. Il-ħidma tal-KNPD matul din is-sena fir-rigward tal-ivvettjar ta' pjanti għall-applikazzjonijiet ta' żvilupp mal-MEPA tidher hawn taħt.

Tabella 2.1 u Grafika 2.1 juru li din is-sena kien hemm tnaqqis ta' 6% fin-numru ta' applikazzjonijiet li l-KNPD vvettjat fl-2010 meta mqabbel mal-2009. Fl-istess waqt, kien hemm ukoll żieda ta' 6% fil-persentaġġ ta' applikazzjonijiet li ġew rakkomandati b'xi kundizzjonijiet mill-KNPD u tnaqqis ta' 5% f'dawk li ma kienux rakkomandati u ta' 3% f'dawk li għalihom intalbet aktar informazzjoni. Numru sostanzjali ta' applikazzjonijiet jiġu vvettjati mill-KNPD aktar minn darba. Statistika f'dan ir-rigward tinstab hawn taħt.

**Tabella 2.2**

## Kemm Drabi Ġiet Ivvettjatha l-Applikazzjoni

| | Darba | Darbtejn | Tlett Darbiet | Aktar Minn Tlett Darbiet |
|---|---|---|---|---|
| **Applikazzjonijiet 2009** | 344 | 249 | 121 | 52 |
| **Applikazzjonijiet 20010** | 310 | 213 | 104 | 97 |

**Grafika 2.2** **Kemm Drabi Ġiet Ivvettjatha l-Applikazzjoni**




Tabella 2.2 u Grafika 2.2 juru li aktar min-nofs l-applikazzjonijiet qed jiġu vvettjati mill-KNPD aktar minn darba, bi 13% jiġu vvettjati saħansitra aktar minn 3 darbiet. Din ir-rata hi iżjed minn dik tal-2009.

Minn Ottubru 2010, il-KNPD, b'kolloborazzjoni mal-MEPA, bdiet servizz li permezz tiegħu d-*draughtsperson tal-KNPD*, qed tkun fl-Uffiċini tal-MEPA t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa filgħodu, sabiex tagħti pariri dwar l-aċċessibilità fiżika lil dawk li jkunu se jissottomettu applikazzjoni għall-iżvilupp. Hu ttamat li permezz ta' dan is-servizz in-numru ta' vettjar repetut jonqos sostanzjalment, anke fid-dawl tar-riforma li hemm pjanata li ssir fil-mod kif jiġu proċessati dawn l-applikazzjonijiet mill-MEPA.

Matul l-2010, il-KNPD intalbet ukoll biex tivvetja bini meta dan ikun lest, biex il-MEPA tkun tista' toħroġ il-*Compliance Certificate*. Statistika dwar din il-ħidma tal-KNPD hi miġbura hawn taħt.

**Tabella 2.3**

**Ivvettjar għall-*Clearance/Compliance Certificate***

| | 2009 | 2011 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Applikazzjonijiet** | 67 | 49 | -27% |
| **Rakkomandati b'kundizzjonijiet** | 26 | 29 | +12% |
| **Mhux rakkomandati** | 40 | 20 | -50% |
| **Pendenti** | 1 | 0 | -- |

**Grafika 2.3** **Ivvettjar għall-*Clearance/Compliance Certificate***




It-tabella u l-grafika juru li n-numru ta' bini li l-KNPD qiegħda tivvettja naqas mill-2009. Aktar min-nofs ġew rakkomandati b'kundizzjonijiet.

## 2.3 Turiżmu Aċċessibli għal Kulħadd

Il-KNPD ħadet sehem f'seminar dwar Turiżmu Aċċessibli organizzat mis-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu bil-parteċipazzjoni tal-Onor Dr Mario DeMarco, Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu. Min-naħa tal-KNPD, kien hemm preżentazzjonijiet mis-Sur Joseph M. Camilleri u mill-Perit Dr Joseph Spiteri. Matul is-sena baqgħu għaddejjin ukoll laqgħat ma' dan is-Segretarjat sabiex it-turiżmu f'Malta jkompli jkun iżjed aċċessibbli għal kulħadd.

## 2.4 Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità

Ġie ffinalizzat ir-rapport tal-Kumitat Inter-Ministerjali dwar din il-Konvenzjoni. Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Il-KNPD imbagħad bdiet taħdem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Impjieg u Familja sabiex isiru l-emendi leġislattivi li huma meħtieġa sabiex Malta tkun tista' tirratifika din il-Konvenzjoni. F'Novembru, il-KNPD ħadet sehem f'Work Forum ġewwa Brussel, dwar l-Implimentazzjoni ta' Artiklu 33 tal-Konvenzjoni. Dan l-Artiklu jirrigwardja il-moniteraġġ u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni nnifisha.

## 2.4 Sessjoni ta' Taħriġ Organizzata mill-NCPE

Uffiċċjali fi ħdan it-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs ħadu sehem f'dan it-taħriġ li ffoka fuq liġijiet f'Malta li jħarsu persuni minn minoranzi diversi kontra d-diskriminazzjoni f'aspetti differenti tal-ħajja. Fost oqsma oħra ġew diskussi r-rappreżentazzjoni ta' dawn il-minoranzi fil-media, l-għoti ta' servizzi speċjalment ta' djar, u diskriminazzjoni f'aspetti differenti tal-impjieg. Il-KNPD kienet rappreżentata wkoll fil-konferenza finali li saret bħalha parti minn dan it-taħriġ.

## 2.5 Żjara ta' Studju lill-Equality and Human Rights Commission

Saret it-tieni żjara ta' studju lill-Equality and Human Rights Commission, ġewwa r-Renju Unit. Din saret f'Mejju 2010, u għaliha attendew id-Direttur Eżekuttiv tal-KNPD, is-Sna Anne-Marie Callus, u s-Sinjuri Marianne Debono u Elvin Sciberras, uffiċċjali tat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs.

## 2.6 Direttivi u Regolamenti tal-Unjoni Ewropea

Matul l-2010 l-KNPD kompliet tagħti l-kontribut tagħha għad-diskussjonijiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Direttiva biex timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni irrispettivament tar-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali tagħhom (magħrufa bħalha d-Direttiva Anti-Diskirminazzjoni). Il-KNPD qed tagħti sehma permezz ta' rappreżentanza fuq il-Kumitat Inter-Ministerjali dwar id-Direttiva Anti-Diskriminazzjoni.

Barra minn hekk, il-KNPD tat ukoll feedback rigward dokumenti li ħarġu mill-Unjoni Ewropea, fosthom:

- id-drittijiet tal-awturi u kif liġijiet u regolamenti f'dan il-qasam jistgħu jaffettwaw persuni b'diżabilità, speċjalment rigward aċċessibilità għal persuni li għandhom diffikultà biex jaqraw.
- l-abbozz tar-Reżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-iStati Membri li jiltaqgħu fil-Kunsill dwar Qafas Ewropea fuq id-Diżabilità ġdid;
- il-*Millenium Development Goals* tan-Nazzjonijiet Uniti.



03

# Żvilupp ta' *Policy*

Il-KNPD għandha r-rwol li tiżviluppa u tikkoordina ħidma fuq *policy* fil-qasam tad-diżabilità. Dan tagħmlu billi tiżgura li l-programmi, miżuri, servizzi u inizjattivi kollha tal-Gvern u l-aġenziji tiegħu li jolqtu il-qasam tal-persuni b'diżabilità jieħdu in kunsiderazzjoni d-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. Hi taħdem ukoll biex tiżgura li jkun hemm koordinament bejn dawn l-entitajiet f'dan ir-rigward.

### 3.1 Il-Kumitat Koordinattiv 16+

Dan twaqqaf mill-KNPD f'Lulju 2009. Fih hemm rappreżentanti ta' istituzzjonijiet varji li b'xi mod huma involuti fit-tranżizzjoni ta' persuni b'diżabilità li jkunu spiċċaw mill-iskola sekondarja lejn l-edukazzjoni kontinwa, impjieg jew servizzi ta' matul il-jum.

i. Matul l-2010, il-KK16+ għamel laqgħat fejn ġew diskussi l-aktar il-ħtiġijiet ta' sapport li għandhom studenti b'diżabilità li qed ikomplu l-istudji tagħhom fuq livell post-sekondarju jew terzarju. Il-preżenza ta' rappreżentanti ta' istitutuzzjonjiet edukattivi varji fuq il-Kumitat ifisser li setgħu jiġu esplorati mezzi kif dawn l-istituzzjonijiet jaħdmu aktar id f'id biex jiżguraw li jiżdiedu l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità. Ġiet diskussa l-aktar l-edukazzjoni post-sekondarja u ħareġ biċ-ċar kemm hu importanti li jkun hemm koordinazzjoni kompleta bejn l-entitajiet differenti li huma responsabbli għall-edukazzjoni ta' studenti sa 16-il sena u dawk li jkomplu jistudjaw wara l-iskola sekondarja. Qed jiġu diskussi proposti dwar kif tista' tiżdied din il-koordinazzjoni b'mod effettiv fil-prattika.
ii. F'Lulju 2010, saret ukoll laqgħa f'Għawdex li fiha l-membri tal-KK16+ iltaqgħu ma' rappreżentanti ta' l-entitajiet diversi li jagħmlu l-istess xogħol bħalhom f'Għawdex. Din il-laqgħa kienet parti mill-proġett tal-KNPD li hu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Programm Progress.

iii. Il-KK16+ beda jiddiskuti l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li hemm fil-Policy Nazzjonali dwar il-Persuni b'Diżabilità u l-Impjieg, li l-KNPD ippubblikat. L-ewwel laqgħa ffukat fuq dak li għandu jsir fis-settur pubbliku biex ikollu rappreżentazzjoni aħjar ta' ħaddiema b'diżabilità fi ħdanu.

## 3.2 L-Edukazzjoni Inklussiva

Din hi waħda mill-aktar aspetti importanti tal-ħajja u l-KNPD kompliet tagħti kontribut qawwi f'dan is-settur.

i. Saru diversi laqgħat mal-**Kunsill Malti għall-Kwalifiċi** rigward proġett bl-isem *National Qualification Framework Inclusive*, li permezz tiegħu qed isir xogħol biex persuni li għandhom diffikultà biex jitgħallmu, inkluż persuni b'diżabilità intellettwali, ikollhom ċertifikati li jirriflettu u jagħtu valur lill-ħiliet u t-tagħlim li jkunu kisbu anke mal-medda taż-żmien. Il-KNPD ikkollaborat mal-Kunsill Malti għall-Kwalifiċi sabiex sar seminar dwar il-*Qafas Ewropew għall-Kwalifiċi* u kif dan jista' jkun inklussiv u jirrikonoxxi dawn il-ħiliet u kwalifiċi li m'humiex miksuba b'mod formali. Is-seminar kien indirizzat miċ-Ċermen tal-KNPD, is-Sur Joe Camilleri, Dr. James Calleja, Direttur tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiċi u s-Sur Richard Curmi, Manager mal-istess Kunsill.
ii. Il-KNPD kompliet tagħti s-sehem tagħha fl-***iStatementing Appeals Board***, permezz tas-Sur Joseph M. Camilleri, li hu membru ta' dan il-Bord. Dawk li ma jaqblux mad-deċiżjonijiet meħuda mill-Istatementing Moderating Panel rigward is-sapport li jkunu jeħtieġu studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali jkunu jistgħu jagħmlu appell biex dan il-Bord jerġa jeżamina t-talba tagħhom u jiddeċiedi dwar is-sapport li jkun hemm bżonn, inkuż sapport minn *learning support assistant.*
iii. Fil-livell post-sekondarju, il-KNPD taħdem fil-qrib mal-**MCAST** sabiex dawn flimkien jiżguraw li studenti b'diżabilità jkunu jistgħu jagħmlu korsijiet fl-istituti varji ta' dan il-kulleġġ. Din il-ħidma qed issir l-aktar permezz tal-kontribut li jagħtu s-Sinjuri Joseph M. Camilleri u Anne-Marie Callus fuq l-*MCAST Inclusive Vocational Educational Training Working Group*
iv. Il-KNPD tagħti wkoll is-sapport tagħha biex **l-Università ta' Malta** tiżgura li studenti b'diżabilità jkollhom opportunitajiet indaqs f'din l-istituzzjoni. Is-Sur Joseph M. Camilleri huwa membru tal-*Access: Disability Support Committee.* Barra minn hekk, is-Sna Anne-Marie Callus tat sehma fuq il-Board of Referrals, li jeżamina appelli ta' deċiżjonijiet li jkunu saru rigward arranġamenti speċjali għall-eżamijiet tal-MATSEC. Hi ġiet appuntata minflok is-Sur Fred Bezzina li kien membru ta' dan il-Bord sal-aħħar tal-2009.

v. Il-KNPD tat s-sehem tagħha sabiex tiġi mfassla policy li permezz tagħha jiġi provdut **trasport individwalizzat lil studenti b'diżabilità biex jattendu korsijiet post-sekondarji u terzjarji.** Dan it-trasport ikun maħsub għal dawk li ma jistgħux jużaw mezz ieħor ta' trasport u li għalihom l-unika ostaklu għall-kontiwazzjoni tal-edukazzjoni tagħhom hi nuqqas ta' trasport aċċessibli.

### 3.3 Il-Qasam tal-Impjieg

Dan hu settur ieħor li hu importanti ħafna u li hu marbut mal-qasam edukattiv.

i. Ġiet iffinalizzata **l-*Policy* Nazzjonali dwar l-Impjieg u l-Persuni b'Diżabilità**, wara li l-proċess ta' konsultazzjoni kien ingħalaq matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità 2009. Wara, din ġiet ippublikata bil-Malti u bl-Ingliż, li jistgħu jinkisbu minn fuq is-sit eltettroniku www.knpd.org. Saru wkoll l-formati aċċessibbli ta' dan id-dokument, b'fondi tal-Programm Progress tal-Unjoni Ewropea. Dawn huma l-verżjoni faċli biex taqra, awdjo u DVD bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija.
ii. Bdew ukoll taħdidiet mal-ETC dwar l-aħjar mod kif jiġi rivedut **ir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità** li żżomm din il-Korporazzjoni. Din ir-reviżjoni fil-fatt hi waħda mir-rakkommandazzjonijiet li hemm fil-Policy Nazzjonali.
iii. Saru laqgħat mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l–ETC fejn ġiet imfassla proposta għal **inizjattiva sabiex jiżdied l-impjieg ta' persuni b'diżabilità fil-livelli kollha taċ-ċivil u fis-settur pubbliku.** Din hi waħda mir-rakkommandazzjonijiet li hemm fil-Policy Nazzjonali dwar l-Impjieg tal-Persuni b'Diżabilità. L-inizjattiva ġiet ippreżentata f'seminar li sar matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Dizaibilità li ġie indirizzat minn Dr Godwin Grima, Segretarju Permanenti Prinċipali.
iv. Il-KNPD ikkollaborat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni sabiex tiġi varata **l-iSkema għat-Tnaqqis ta' Taxxa għal Aċċessibilità fuq il-Post tax-Xogħol.** L-għan tal-iSkema għat-Tnaqqis ta' Taxxa għal Aċċessibilità fuq il-Post tax-Xogħol hu li min iħaddem ikun jista' jagħmel dawn it-tibdiliet favur ħaddiema b'diżabilità. L-iSkema hi bbażata fuq l-Avviż Legali 428 tal-2010 'Att Dwar Taxxa Fuq Dħul (Kap. 123), Regoli tal-2010 dwar Tnaqqis għall-Aċċessibilità fil-Post Tax-Xogħol'. Aktar informazzjoni dwar din l-iSkema u l-formola tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-KNPD www.knpd.org.
v. Il-KNPD hi ukoll partner fil-**Proġett *Employee Support Programme*** li wkoll hu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Dan il-proġett hu mmexxi mid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet mal-Impjegati fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u hu maħsub biex jipprovdi sapport lil impjegati fl-amministrazzjoni pubblika li għal xi raġuni jew oħra jkunu għaddejjin minn diffikultajiet, li jagħmel stħarriġ dwar il-bżonnijiet ta' sapport

li hemm bħalissa, u li jipprovdi taħriġ lid-diriġenti u ħaddiema fl-amministrazzjoni pubblika f'dan il-qasam.

vi. Is-Sur Joe Camilleri, is-Sur Gordon Cardona u s-Sur Omar Jelassi pparteċipaw f'konferenza mtella' mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Impjieg u Familja rigward żgħażagħ b'diżabilità u d-dinja tax-xogħol. Din il-konferenza kienet parti mill-**Proġett *Pass It On*,** li hu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u li għandu l-għan li jżid għarfien dwar proġetti oħra li saru rigward xogħol u taħriġ għall-persuni b'diżabilità. Is-Sinjuri Camilleri, Cardona u Jelassi tkellmu dwar l-isfidi li jiltaqgħu magħhom il-persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol kif ukoll il-leġislazzjoni li tipproteġi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità f'dan il-qasam.

### 3.4 Is-Servizzi ta' Matul il-Jum

Dawn huma intiżi għal persuni b'diżabilità li minħabba diżabilità severa ma jistgħux jiġu inklużi fid-dinja tax-xogħol, anke jekk f'ambjent protett.

i. Il-KNPD iffinalizzat l-**iStudju dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi ta' Matul il-Jum** sabiex dan jiġi diskuss ma' entitajiet li jistgħu jgħinu fl-iżvilupp ta' dan is-settur, primarjament l-Aġenzija Sapport. Ir-rapport fih proposta dwar kif dawn is-servizzi jistgħu jmexxu l-persuni b'diżabilità intellettwali aktar lejn il-komunità permezz ta' programmi individwalizzati. Proposta għal proġett pilota f'dan ir-rigward ġiet imressqa lill-Ministeru tax-Xogħol, Edukazzjoni u Familja.

ii. Il-KNPD kompliet tagħti wkoll il-kontribut tagħha bħalha partner fil-**Proġett ME2** li hu ko-finanzjat mill-Fond Strutturali Ewropew. Is-Sna Anne-Marie Callus, li tirrappreżenta lill-KNPD f'dan il-Proġett, ħadet sehem f'laqgħat ma' ġenituri ta' persuni b'diżabilità li jattendu ċ-Ċentri ta' Matul il-Jum immexxija mill-Aġenzija Sapport. Barra minn hekk, il-KNPD bagħtet ittra dwar dan il-proġett lil kull min hu rreġistrat magħha, għandu bejn is-16 u l-55 sena, u kien aċċetta li jirċievi informazzjoni mibgħutha mill-KNPD stess. B'dan il-mod setgħu jintlaħqu persuni b'diżabilità fil-komunità. Bħalha parti mill-Proġett, ittellgħet konferenza sabiex jiġi diskuss ix-xogħol li sar s'issa permezz ta' dan il-proġett u x-xogħol li se jsir minn issa 'l quddiem. Is-Sna Anne-Marie Callus indirizzat il-konferenza u għamlet preżentazzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fl-edukazzjoni u xogħol, skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs.

### 3.5 Grupp ta' Ħidma dwar Oqsma tad-Diżabilità

Il-KNPD qed tieħu sehem attiv fil-Grupp ta' Ħidma dwar Oqsma tad-Diżabilità li twaqqaf mill-Ministru tax-Xogħol, Edukazzjoni u Familja, l-Onor. Dolores Cristina, sabiex jiddiskuti s-settur tal-pensjoni u benefiċċji għall-persuni b'diżabilità u jagħmel proposti konkreti dwar tibdil meħtieġ f'dan is-settur. Fil-laqgħat li saru s'issa ġew diskussi r-riformi li huma meħtieġa fil-pensjoni tad-diżabilità, u inizjattivi li jistgħu jgħinu

biex aktar persuni b'diżabilità ikunu jistgħu jsibu xogħol. Twaqqaf *focus group* fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma sabiex jagħmel proposti dwar dawn l-inizjattivi. Il-KNPD qed tagħti s-sehem tagħha wkoll f'dan il-*focus group*.

### 3.6 *Policy* Kulturali Nazzjonali

Il-KNPD ħadet sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-abbozz tal-*Policy* Kulturali Nazzjonali, sabiex jiġi żgurat li l-qasam tad-diżabilità jkun *mainstreamed* f'din il-*Policy*. Wara li tat il-kummenti tagħha, il-KNPD ġiet ukoll mitluba li tagħmel preżentazzjoni formali, li saret mis-Sur Gordon Cardona waqt laqgħa ta' konsultazzjoni dwar din il-*Policy*.

### 3.7 Bagit 2011

Il-KNPD għamlet proposti lill-Gvern għall-Baġit tal-2011 sabiex is-settur tal-persuni b'diżabilità jkompli jissaħħaħ. Hi ħadet sehem ukoll f'laqgħa organizzata mill-Ministeru tal-Finanzi rigward dan il-Baġit.

### 3.8 Ir-Riċerka

Ir-Riċerka hi għodda importanti ħafna fl-iżvilupp tal-policy. Permezz tagħha, jiġi magħruf x'inhuma l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, kemm qed jiġu moqdija dawn il-ħtiġijiet, u kemm qed jiġu mħarsa d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

i. Il-KNPD ħadmet fil-qrib mal-Università ta' Malta sabiex jitwaqqaf **Programm ta' Studji Dwar id-Diżabilità** fid-*Department of Social Policy and Social Work*. Dan il-Programm hu maħsub li, fost affarijiet oħra, joffri korsijiet dwar l-oqsma tad-diżabilità, jagħmel u jippromwovi riċerka dwar dawn l-oqsma, l-aktar mil-lat soċjali, ekonomiku u kulturali, u jorganizza seminars u konferenzi internazzjonali.

ii. Il-KNPD ħadmet fuq riċerka wkoll permezz ta' rapporti li tħejjew għall-Academic Network of Experts on Disability (ANED), netwerk Ewropea li tagħha l-KNPD hi membru. Ir-riċerka li saret kienet tiffoka fuq benefiċċji u servizzi għal persuni b'diżabilità f'Malta. L-informazzjoni li ġiet preparata kienet dwar:
- il-pensjoni tad-diżabilità;
- il-pensjoni tal-wens;
- l-allowance speċjali tat-tfal;
- il-benefiċċju tal-invalidità;
- il-karta tal-identità speċjali u l-Blue Sticker;
- l-eżenzjonijiet mill-ħlas tal-liċenzja tat-triq u mit-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi;
- l-iskema *Bridging The Gap*;
- is-sussidji fuq xogħol strutturali fuq id-dar għall-persuni b'diżabilità;
- l-iskemi ta' sussidji għal self għal persuni b'diżabilità;
- il-PEKTUR;
- is-Servizz Għajnuniet Speċjali u ħlas lura fuq it-taxxa tal-valur miżjud.

Is-Sur Gordon Cardona attenda l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-ANED li saret ġewwa Brussel f'Diċembru 2010.




# Servizzi Diretti u Indiretti

Sabiex tiżgura li persuni b'diżabilità jkollhom kwalità ta' ħajja aħjar, il-KNPD toffri numru ta' servizzi mis-Segretarjat tagħha li tamministra hi direttament jew f'isem entitàjiet oħra, kif spjegat hawn taħt. Kull min japplika għal servizz amministrat mill-KNPD jitniżżel fir-**Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità**, li statistika dwar tinsab fl-Appenċi ta' dan ir-Rapport

## 4.1 Il-Karta tal-Identità Speċjali (KIS)

Il-KIS tinħareġ għal dawk il-persuni b'diżabilità li jkunu reġistrati mal-KNPD u jagħżlu li jkollhom din il-Karta. Meta persuna b'diżabilità tiġi nieqsa, il-familjari tagħha jintalbu li jirritornaw il-KIS tagħha. Jekk il-KIS tibqa' ma tiġix ritornata, tinbagħat ittra bl-avukat. F'każ ta' KIS li huma mitlufa, il-familjari jagħmlu affidavit. Tabella 4.1 tiġbor fiha l-ħidma li saret matul l-2010 fuq il-KIS.

## 4.2 Is-Servizz Għajnuniet Speċjali (SGħS)

Il-SGħs jipprovdi pariri u assistenza finanzjarja lil persuni b'diżabilità biex dawn jixtru apparat assistiv li jgħinhom itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom. Fl-2010, l-SGħS ġie amministrat kif indikat f'Tabella 4.2.

Tabelli 4.2.1 sa 4.2.3 u l-grafiċi korrispondenti jippreżentaw statistika rispettivament rigward l-għotjiet ta' flus li ngħataw, l-etajiet ta' min ibbenefika minn dawn il-flus, u t-tip ta' apparat li ntxara.

Minn dawn il-figuri wieħed jista' jara li d-domanda għal dan is-servizz qed tiżdied, b'mod partikolari minn persuni b'diżabilità ta' aktar minn 60 sena.

**Tabella 4.1**

## Il-Karta tal-Identità Speċjali

| | Total 2009 | Total 2010 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Applikazzjonijiet ġodda** | 1271 | 1554 | +22% |
| **KIS ġodda** | 1054 | 1079 | +2% |
| **Applikazzjonijiet li ma ġewx aċċettati** | 45 | 33 | -27% |
| **KIS imġedda** | 547 | 516 | -6% |
| **KIS ritornati** | * | 317 | * |
| **Dikjarazzjoni rigward KIS mitlufa** | * | 139 | * |
| **Ittra mill-avukat rigward ir-ritorn tal-KIS** | 42 | 96 | +129% |
| **Numru ta' persuni b'diżabilità li għandhom KIS** | 9431 | 10304 | +9% |
| **Numru ta' KIS li skadew** | * | 1413 | * |

* Kien hemm bdil fil-mod kif inġabret l-informazzjoni fl-2010 u għalhekk f'dan il-każ, wieħed ma jistax iqabbel mal-istatistika tas-sena ta' qabel.

**Tabella 4.2**

## Servizz Għajnuniet Speċjali

| | Total 2009 | Total 2010 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Applikazzjonijiet ġodda** | 286 | 345 | +17% |
| **Numru ta' benefiċċjari** | 245 | 283 | +13% |
| **Applikazzjonijiet mhux eliġibbli** | * | 33 | +13% |
| **Applikazzjonijiet mwaqqa'** | * | 5 | * |
| **Applikazzjonijiet fuq il-waiting list** | 11 | 15 | +26% |
| **Apparat ritornat u ridistribwit lil applikanti oħra** | 22 | 13 | -59% |
| **Apparat ieħor ritornat** | 11 | 9 | -18% |

* Kien hemm bdil fil-mod kif inġabret l-informazzjoni fl-2010 u għalhekk f'dan il-każ, wieħed ma jistax iqabbel mal-istatistika tas-sena ta' qabel.

**Tabella 4.2.1**

## Għotjiet ta' Flus mill-SGĦS

| | Total 2009 | Total 2010 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Flus mogħtija** | €177,577 | €208,213 | +15% |
| **Numru ta' benefiċċjari** | 245 | 283 | +13% |
| **Għotja medja** | €725 | €736 | +2% |

**Tabella 4.2.2**

## Etajiet tal-Benefiċċjari

| | Total 2009 | Total 2010 |
|---|---|---|
| **0-5** | 13 | 18 |
| **6-16** | 34 | 31 |
| **17-30** | 13 | 27 |
| **31-60** | 65 | 61 |
| **61+** | 116 | 147 |
| **Total** | 245 | 283 |

**Grafika 4.2.2** **Etajiet tal-Benefiċċjari**



**Tabella 4.2.3**

## Tip t'Apparat li Nxtara

| | Total 2009 | Total 2010 |
|---|---|---|
| **Siġġijiet tar-roti u walking aids** | 96 | 103 |
| **Sodod u apparat biex toqgħod a-qiegħda** | 137 | 141 |
| **Iġjene Personali** | 20 | 22 |
| **Apparat biex tikkomunika** | 34 | 32 |
| **Apparat biex terfa'** | 34 | 32 |
| **Apparat ieħor** | 3 | 4 |
| **Total** | 324 | 341 |

**Grafika 4.2.3** **Tip t'Apparat li Nxtara**




**Tabella 4.3**

## Ħlas Lura fuq Apparat u Kompjuters

| | Total 2009 | Total 2010 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Ħlas lura** | €60,228 | €57,185 | -5% |
| **Numru ta' benefiċċjari** | 448 | 399 | 11% |
| **Medja ta' ħlas lura** | €135 | €143 | 6% |

### 4.3 Ħlas Lura (Ekwivalenti għall-VAT)

Dan jingħata fuq apparat li hu għall-użu speċifiku tal-persuni b'diżabilità u anke fuq kompjuters. Dettalji dwar kif ingħata ħlas lura f'dawn ix-xahrejn huma miġbura f'Tabella 4.3.

### 4.4 Il-Blue Sticker

Dan hu servizz li l-KNPD tamministra f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija. Hi tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissarju biex joħroġ il-Blue Sticker lil persuni li għandhom nuqqas sever ta' mobilità. Għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-KNPD titlob li jiġu rritornati Blue Stickers ta' persuna b'diżabilità li ġew nieqsa. Jekk il-Blue Sticker tibqa' ma tiġix ritornata, tinbagħat ittra mill-Kummissarju tal-Pulizija. F'każ li l-Blue Sticker tkun mitlufa, il-familjari jagħmlu affidavit. Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, xogħol f'dan ir-rigward sar kif jidher f'Tabella 4.4.

Minn din is-sena, ġiet konsolidata s-sistema ta' ġbir regolari tal-Blue Sticker u għalhekk kien hemm żieda

**Tabella 4.4**

**Il-Blue Sticker**

| | Total 2009 | Total 2010 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Applikazzjonijiet ġodda** | 1064 | 1514 | +42% |
| **Rakkomandati** | | | |
| **- Permanenti** | 454 | 472 | +4% |
| **- Temporanju** | 219 | 184 | -16% |
| **Applikazzjonijiet mhux rakommandati** | 165 | 126 | -24% |
| **Applikanti li ma attendewx għall-appuntament** | 93 | 61 | -34% |
| **Applikanti li talbu appuntament ġdid** | 143 | 140 | -2% |
| **Blue Stickers imġedda** | * | 613 | * |
| **Blue Stickers miżmuma** | * | 9 | * |
| **Blue Stickers ritornati** | 180 | 655 | +264% |
| **Affidavit rigward Blue Stickers mitlufa** | 44 | 46 | +5% |
| **Ittra mill-Kummissarju tal-Pulizija rigward ir-ritorn tal-Blue Stickers** | 33 | 157 | +356% |

* Kien hemm bdil fil-mod kif inġabret l-informazzjoni fl-2010 u għalhekk f'dan il-każ, wieħed ma jistax iqabbel mal-istatistika tas-sena ta' qabel.

sostanzjali ta' dokumenti ritornati, u anke fin-numru ta' ittri li ntbagħtu mill-Kummissarju tal-Pulizija rigward ir-ritorn tal-Blue Sticker.

i. Persuni li ma jingħatawx il-Blue Sticker jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni permezz **tal-Bord tal-Appell tal-Blue Sticker,** li hu mmexxi mill-KNPD u l-Kummissarju tal-Pulizija. Statistika dwar appelli li saru fl-2010 tidher f'Tabella 4.4.1.

## 4.5 Eżenzjoni

Il-Ministeru tal-Finanzi jagħti Eżenzjonji mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq u mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Vetturi. Il-KNPD tamministra dawn is-servizzi u tagħmel rakkomandazzjonjiet lill-Ministeru għal dawn iż-żewġ servizzi. Statistika dwarhom għas-sena 2010 tidher f'Tabelli 4.5.1 sa 4.5.3.

Kien hemm bdil fil-mod kif inġabret l-informazzjoni fl-2010 u għalhekk f'dan il-każ, wieħed ma jistax iqabbel mal-istatistika tas-sena ta' qabel f'Tabelli 4.5.1 sa 4.5.3.

**Tabella 4.4.1**

### Bord tal-Appell

| | Total 2009 | Total 2010 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Appelli ġodda** | 120 | 83 | -315 |
| **Konferma tal-ewwel deċiżjoni** | 93 | 61 | -34% |
| **L-ewwel deċiżjoni mibdula** | 24 | 22 | -8% |

**Tabella 4.5.1**

### Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq

| | Total 2010 |
|---|---|
| **Applikazzjonijiet ġodda** | 257 |
| **Rakkommandati** | 185 |
| **Mhux rakkomandati** | 11 |
| **Applikazzjoni mwaqqa'** | 7 |
| **Saqsew għal appuntament ġdid** | 17 |

**Tabella 4.5.2**

### Eżenzjoni mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni

| | Total 2010 |
|---|---|
| **Applikazzjonijiet ġodda** | 183 |
| **Rakkommandati** | 154 |
| **Mhux rakkomandati** | 1 |
| **Applikazzjoni mwaqqa'** | 30 |
| **Saqsew għal appuntament ġdid** | 16 |

Dawn l-eżenzjonijiet joħorġu fuq tipi differenti ta' vetturi, kif jidher f'Tabella 4.5.3.

**Tabella 4.5.3**

**Tipi ta' Vetturi Eżenti**

| | Total 2010 | Total 2010 |
|---|---|---|
| **Karozza manwali** | 52 | 32% |
| **Karozza manwali modifikata** | 2 | 1% |
| **Karozza awtomatika** | 71 | 44% |
| **Karozza awtomatika modifikata** | 12 | 7% |
| **Vannijiet aċċessibli għas-siġġijiet tar-roti** | 25 | 16% |
| **Total** | 162 | 100% |

## 4.6 Reserved Parking u Keep Clear Bays

Matul din is-sena, il-KNPD kompliet tikkollabora mat-Transport Malta biex din tieħu ħsieb talloka Reserved Parking u Keep Clear Bays quddiem id-djar ta' persuni li għandhom nuqqas ta' mobilità sever ħafna. Persuni li ma jingħatawx dan is-servizz jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni permezz tar-**Review Panel** li hu mmexxi mill-KNPD u Transport Malta. Matul din is-sena, l-appelli li nstemgħu kienu kif jidher f'Tabella 4.6.

## 4.7 Kollaborazjoni

Bħas-snin ta' qabel, il-KNPD kompliet ukoll tikkollabora mal-Fondazzjoni għas-Servizzi tar-*Respite Care* sabiex din tipprovdi servizz ta' trasport personalizzat għall-persuni b'diżabilità.

**Tabella 4.6**

**Review Panel**

| | Total 2009 | Total 2010 |
|---|---|---|
| **Appelli ġodda** | 22 | 22 |
| **Konfermata l-ewwel deċiżjoni** | 15 | 15 |
| **L-ewwel deċiżjoni midbula** | 7 | 6 |
| **Ingħataw 'Keep Clear Bay'** | 0 | 1 |




# Għarfien dwar l-Oqsma tad-Diżabilità

Il-KNPD temmen bi sħiħ li minbarra servizzi lill-persuni b'diżabilità, xogħol fuq *policy*, miżuri u programmi favur il-persuni b'diżabilità, u l-implimentazzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs, hu importanti wkoll li jiżdied l-għarfien dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità f'setturi differenti tas-soċjetà.

## 5.1 Il-Programm tat-Taħriġ dwar l-Oqsma tad-Diżabilità

Dan joffri taħriġ dwar l-ugwaljanza tal-persuni b'diżabilità. Dan it-taħriġ isir lil tipi ta' udjenza differenti u jsir bis-sehem sħiħ ta' persuni b'diżabilità u ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom. Fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport, is-sessjonijiet ta' taħriġ saru kif jidher f'Tabella 5.1

## 5.2 Iċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli

Dan jinsab fis-Segretarjat tal-KNPD u hu miftuħ għall-pubbliku. Matul din is-sena sar eżerċizzju ta' stocktaking sabiex tiġi vverifikata l-informazzjoni li hemm fid-database ta' dan iċ-Ċentru. Permezz ta' self tar-riżorsi li hemm f'dan iċ-Ċentru, il-membri jistgħu jżommu ruħhom aġġornati dwar il-qasam tad-diżabilità. Ir-riżorsi li kien hemm sal-aħħar tat-2010 kienu kif jidher f'Tabella 5.2.

Iċ-Ċentru hu użat minn persuni b'diżabilità, membri tal-familja tagħhom, membri ta' organizazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, persuni li jaħdmu f'dan is-settur, studenti u persuni oħra li għandhom interess f'dan is-settur. Matul din is-sena, użu ta' dan iċ-Ċentru sar kif indikat f'Tabella 5.2.1.

Tabella 5.1

## Taħriġ dwar l-Oqsma tad-Diżabiltà

| | Numru ta' Studenti |
|---|---|
| **B.Ed. (Hons) (Primarja)** | 68 |
| **B. Eds. (Hons) (Sekondarja)** | 90 |
| **Institute of Health Care** | 50 |
| **Ħidma Soċjali / Politika Soċjali** | 39 |
| **Liġi** | 12 |
| **Studenti tal-Kulleġġ ta' San Injazju** | 75 |
| **Seminaristi** | 9 |
| **Uffiċċjali tal-Pulizija** | 30 |
| **Skola Primarja San Gwann** | 264 |
| **Tobba gradwati** | 10 |
| **Careworkers (kors tal-MUHC)** | 12 |
| **Learning Support Assistants** | 65 |
| **Impjegati tal-Bank HSBC** | 60 |
| **Impjegati tal-Virtu Ferries** | 40 |
| **Mobility and Orientation Training** | 20 |
| **Independent Living Services** | 15 |
| **Numru ta' studenti 2010** | **924** |
| **Numru ta' studenti 2009** | **969** |
| **Differenza** | **+5%** |

**Tabella 5.2**

**Riżorsi u Membri Ġodda**

| | Total 2010 | Total Globali 2009 | Total Globali 2010 | Diff |
|---|---|---|---|---|
| **Kotba** | 191 | 4670 | 5075 | +8% |
| **Perjodiċi** | 56 | 367 | 423 | +13% |
| **CDs** | 31 | 109 | 140 | +22% |
| **DVDs** | 7 | 40 | 51 | +22% |
| **Membri** | 33 | 1447 | 1480 | +2% |

**Tabella 5.2.1**

**Self ta' Riżorsi**

| | Total 2009 | Total 2010 | Diff |
|---|---|---|---|
| **Kotba** | 550 | 335 | -39% |
| **Perjodiċi** | 150 | 131 | +13% |
| **CDs** | 10 | 14 | +28% |
| **DVDs** | 8 | 2 | -75% |
| **Membri li użaw iċ-Ċentru** | 116 | 134 | +13% |

### 5.3 Soċjetà Waħda

Il-KNPD ingħatat fondi mill-Programm Progess tal-Unjoni Ewropea sabiex tagħmel sena ta' attivitajiet permezz ta**l-Proġett Persuni Differenti, Bżonnijiet Differenti, Soċjetà Waħda**. Dan il-Proġett inbeda matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità f'Diċembru 2009 u kompla matul l-2010. Minbarra dak li ġie rrappurtat f'sezzjonijiet oħra ta' dan ir-rapport dwar attivitajiet u pubblikazzjonijiet iffinanzjati minn dan il-Proġett, saru wkoll dawn l-attivitajiet:

i. Fil-15 ta' Mejju, il-KNPD f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) organizzat seminar bl-isem ta' **Niġġieldu l-Faqar u l-Eskluzjoni Soċjali permezz tal-Anti-Diskriminazzjoni** li saret ġewwa l-Lukanda The Victoria f'Tas-Sliema. Is-seminar ġie indirizzat miċ-

Ċermen tal-KNPD, is-Sur Joseph M. Camilleri u anke s-Sna Therese Bugeja, Direttur tal-NCPE flimkien mas-Sur George Sultana, Direttur tal-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea u Żvilupp ta' *Policy* fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Impjieg u Familja. Flimkien ma' dawn ir-rapprezentanti, kien hemm kelliema oħra li wasslu l-messaġġ tagħhom kontra d-diskriminazzjoni. Dawn il-kelliema kienu qed jirrappreżentaw persuni minn minoritajiet differenti u tkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom u ta' persuni oħra. Kien hemm ukoll workshops li fihom il-parteċipanti setgħu jiżvolġu aktar fid-dettal id-diskussjoni dwar dak li hemm simili fl-esperjenzi ta' persuni minn minoritajiet differenti u fl-istess ħin kif dawn il-persuni jistgħu wkoll jesperjenzaw diskriminazzjoni b'modi differenti. Kien hemm qbil li d-diskriminazzjoni hi direttament relata mal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni hi importanti ħafna fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, it-tibdil fl-attitudni lejn persuni minn minorità hu kruċjali biex dawn ikunu jistgħu jkunu verament inklużi fis-soċjetà.

ii. Sar it-**Tieni Ktieb tas-Sinjali** u d-DVD li takkumpanjah. Dan il-Ktieb ġie preżentat f'seminar li sar f'Ottubru, u li għalih attendew persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, persuni li jaħdmu fil-qasam edukattiv, *speech therapsists, occupational therapists*, u persuni li jaħdmu ma' għaqdiet mhux governattivi. Il-kelliema kienu jinkludu l-Onor Clyde Puli, Segretarju Parlamentari, Dr Nicola Grove, minn City University f'Londra, dawk li ħadmu fuq il-ktieb tas-sinjali, professjonisti li jużawh fix-xogħol tagħhom, persuni b'nuqqas ta' smigħ li jitkellmu bil-lingwa tas-sinjali Maltija, u ġenituri ta' persuni b'diżabilità li jużaw sistema tas-sinjali.

iii. Il-KNPD ipproduċiet DVD dwar **Taħriġ dwar l-Oqsma tad-Diżabilità**. Ġew intervistati persuni b'diżabilità diversi dwar l-esperjenza personali tagħhom. F'Novembru sar weekend ta' taħriġ li fih persuni b'diżabilità li huma kelliema fil-programm tat-Taħriġ dwar l-Oqsma tad-Diżabilità ngħataw taħriġ dwar kif jużaw dan id-DVD waqt is-sessjonijiet li jkunu involuti fihom. Id-DVD ġie varat f'Diċembru waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità.

## 5.4 Il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità 2010

Din ġiet bejn it-3 ta' Diċembru (Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità) u l-10 ta' Diċembru (Jum Internazzjonali tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem). It-tema għal din il-Ġimgħa kienet Ngħixu b'Mod Sħiħ fis-Soċjetà. Din hi wkoll it-tema tal-kampanja ta' għarfien li se ssir matul l-2011. L-attivitajiet ta' din il-kampanja, inkluż il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità, huma ko-finanzjati mill-proġett il-ġdid tal-Programm Progress tal-Unjoni Ewropea, *Ngħixu b'Mod Sħiħ fis-Soċjetà*. L-attivitajiet li tellgħet il-KNPD matul din il-Ġimgħa huma indikati f'Tabella 5.4.

**Tabella 5.4**

## Attivitajiet tal-Ġimgħa tal-Persuni B'Diżabiltà 2010

| | Data |
|---|---|
| **Konferenza Stampa** | 22 ta' Novembru |
| **Konferenza Nazzjonali: Ngħixu b'Mod Sħiħ fis-Soċjetà (bidu tal-konsultazzjoni dwar għixien issapportjat)**<br><br>**Messaġġ tal-Ministru l-Onor Dolores Cristina flimkien mas-Sur Sean Grima** | 3 ta' Diċembru |
| **Sessjoni ta' Taħriġ Dwar Oqsma tad-Diżabilità mal-istaff tal-HSBC** | 6 ta' Diċembru |
| **Preżentazzjoni tal-Messaġġ tat-Tfal fl-Iskola Stella Maris, Ħal-Balzan**<br><br>**Preżentazzjoni tad-DVD dwar Taħriġ Dwar Oqsma tad-Diżabilità**<br><br>**Riċeviment ta' Radd ta' Ħajr għall-Ħidma fil-Qasam tad-Diżabilità** | 7 ta' Diċembru |
| **Laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv tal-Persuni b'Diżabilità Intellettwali** | 9 ta' Diċembru |
| **Varar tal-iSkema dwar l-Impjieg tal-Persuni b'Diżabilità fl-Amministrazzjoni Pubblika** | 10 ta' Diċembru |
| **Messaġġ tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità, poster, billboards u riklami fil-gazzetti u fuq ir-radju** | -- |

### 5.5 Kummissjaru tat-Tfal

Il-KNPD ħadet sehem f'**attività mtella'** **mill-Kummissjaru tat-Tfal** ġewwa l-Palazz ta' Verdala. Il-KNPD kellha *stand* b'tagħrif dwar il-qasam tal-persuni b'diżabilità u qassmet ukoll tagħrif u pubblikazzjonijiet dwar dan il-qasam.

### 5.6 Il-Premju Mons Mikiel Azzopardi

Dan hu mogħti mid-Dar tal-Providenza u din is-sena ngħata lill-Monsinjur Lawrence Gatt u Dun Ġużepp Borg Micallef. Għal din l-okkażżjoni, saret laqgħa dwar il-bioetika u l-persuni b'diżabilità. Fiha tkellmu s-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD, u l-Rev. Prof. Manwel Aguis.

### 5.7 Sena Ewropea biex Tiġġieled il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali

Fir-rwol tiegħu bħalha l-ambaxxatur għall-qasam tad-diżabilità għas-Sena Ewropea biex Tiġġieled il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali 2010, is-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD, ħa sehem f'attivitajiet differenti matul is-sena, inkluż il-konferenza nazzjonali li ġabet fit-tmien tagħha din is-sena. Din saret il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2010.

### 5.8 Żjara fis-Segretarjat

Saret żjara fis-Segretarjat tal-KNPD mill-**Ambaxxatur Taljan, L-Eċċellenza Tiegħu**, is-Sur Efisio Luigi Marras. Waqt iż-żjara saret laqgħa dwar ħidma favur it-titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità.




# Ħidma Oħra

## 6.1 iċ-Ċentru għall-Ħajja Indipendenti u s-Servizzi għall-Ħajja Indipendenti

Il-KNPD kompliet taħdem fuq iċ-Ċentru għall-Ħajja Indipendenti u s-Servizzi għall-Ħajja Indipendenti, li għalihom ġabet fondi mill-Unjoni Ewropea, rispettivament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond Strutturali Ewropew. Il-kostruzzjoni taċ-Ċentru issa wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu. Ġew iffirmati wkoll il-kuntratti għax-xiri tal-apparat. Il-biċċa l-kbira ta' dan l-apparat wasal matul din is-sena u tpoġġa fiċ-Ċentru. F'dak li hu taħriġ, f'Ġunju ġie inawgurat uffiċjalment dan il-proġett permezz ta' *breakfast launch* ġewwa l-Lukanda Phoenicia. Il-kelliema ewlenija għal din l-attivita kienu s-Sur Joe Camilleri, Chair tal-KNPD, is-Sna Vickie Gauci, Project Leader, il-Maġġur Peter Ripard mit-Transport Malta, is-Sna Joanna Chetcuti, OT Services Manager, u s-Sna Margaret Muscat, Physiotherapy Services Manager, u l-Onor. Dr. Stephen Spiteri MD, MP, Assistent Parlamentari fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Impjieg u Familja. S'issa, 82 *occupational therapists* u fiżjoterapisti, 6 *driving instructors* u 2 membri tal-istaff tal-KNPD irċevew taħriġ f'aspetti differenti tas-servizzi li se jingħataw permezz ta' dan iċ-Ċentru. Dawn huma *Wheelchairs and Seating*, *Adaptive Driving*, u *Adaptive Equipment*.

## 6.2 Il-Proġett Mobility and Orientation for Blind and Visually Impaired Persons (MOBAVIP)

Il-MOBAVIP hu ffinanzjat mill-Programm Leonardo tal-Unjoni Ewropea kompla jiġi implimentat. Il-proġett ġie fi tmiemu f'Novembru 2010. Matul is-sena twettaq dan ix-xogħol fuq il-proġett:

- Saret laqgħa introduttorja għall-istudenti li kienu se jsegwu l-kors preparatojru dwar Taħriġ ta' Mobilità u Orjentazzjoni. Is-sessjonijiet prattiċi ta' dan il-kors saru fi Frar u April. Dawn is-sessjonjiet kienu mmexxija mill-Provision Solutions, organizazzjoni Ingliża li hi partner f'dan il-proġett.

- Ġie ffinalizzat u ppublikat l-istudju dwar is-sitwazzjoni f`Malta fir-rigward ta' Taħriġ fil-Mobilita u Orjentazzjoni għall-persuni għomja jew nieqsa mid-dawl. Ir-rapport ġie mqassam lil numru ta' entitajiet. L-istudju ġie wkoll maqlub għall-Malti u jista' jinkiseb mis-sit elettroniku tal-KNPD **www.knpd.org**.
- Saru laqgħat bl-għan li jitwassal il-messaġġ li hawn bżonn li jiġi provdut taħriġ fil-Mobilita u l-Orjentazzjoni f`Malta. Fosthom saru laqgħat ma' rappreżentanti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, rappreżentanti tal-Universita ta' Malta kif ukoll mad-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti.
- Saret laqgħa li għaliha attendew persuni nieqsa mid-dawl li kienu interessati li jieħdu sehem fit-tieni parti ta' dan il-kors fejn l-istudenti li għamlu l-kors preparatorju ġew allokati ma' żewġ persuni nieqsa mid-dawl sabiex flimkien jaħdmu fuq it-taħriġ fil-mobilita u orjentazzjoni. Dan sar f'Ġunju 2010 ġewwa l-lukanda *The Victoria Hotel* f'tas-Sliema.
- Ġew żviluppati żewġ kotba qosra rigward il-mudell soċjali tad-diżabilità, wieħed imfassal għall-użu tal-persuni li qegħdin isegwu l-kors u l-ieħor imfassal għall-persuni nieqsa mid-dawl. Dawn il-kotba ġew mogħtija lill-persuni involuti fil-kors u lill-persuni nieqsa mid-dawl li qegħdin jieħdu sehem fil-proġett biex ikomplu jżidu l-għarfien tagħhom rigward il-mudell soċjali tad-diżabilità. Allaċjat ma' din l-attivita sar ukoll seminar li għalih attendew il-persuni li qegħdin isegwu l-kors preparatorju u l-persuni nieqsa mid-dawl li huma involuti f'dan il-proġett. Is-seminar tratta taħriġ fl-oqsma tad-diżabilità. Matul dan is-seminar taw sehemhom attivisti b'diżabilità li tkellmu fuq il-mudell soċjali tad-diżabilità, is-servizzi u benefiċċji għall-persuni nieqsa mid-dawl, u kif ukoll l-użu tat-teknoloġija bħala apparat assistiv għall-persuni nieqsa mid-dawl.
- Il-persuni li segwew il-kors irċevew ukoll taħriġ f`dak li hu *tactile mapping*. Permezz ta' dan it-taħriġ dawn il-persuni tgħallmu jipproduċu mapep aċċessibbli biex ikunu jistgħu jintużaw minn persuni nieqsa mid-dawl. Dan it-taħriġ involva wkoll il-parteċipazzjoni diretta tal-persuni nieqsa mid-dawl fejn flimkien mal-persuni li qegħdin isegwu l-kors preparatorju setgħu jitħarrġu fl-użu ta' dawn it-tip ta' mapep. L-organizzazzjoni li ħadet ħsieb dan it-taħriġ kienet l-Università ta' Karlsruhe.
- Sar it-tielet *International Partners Meeting* ġewwa l-belt ta' Karslruhe fil-Ġermanja, fejn fost suġġetti oħra l-organizzazzjonijiet involuti ddiskutew il-konferenza li ser tagħlaq dan il-proġett pjanata għall-aħħar ta' Novembru 2010. Is-Sinjuri Mary Rose Attard, Marchita Mangiafico u Alison Zammit attendew għal din il-laqgħa.
- Saret il-konferenza finali tal-proġett li fiha ħadu sehem l-organizzazzjonijiet imsieħba kif ukoll il-benefiċċjarji tal-proġett.

### 6.3 Id-Diżabilità u l-Awtonomija Personali Permezz tal-Edukazzjoni, Aċċessibilità Universali u l-Impjieg

Dan kien l-isem ta' konferenza organizzata mill-Presidenza Spanjola tal-Unjoni Ewropea f'Zaragoza, Spanja, bejn l-20 u 21 ta' Mejju, li għaliha attendiet is-Sna Vickie Gauci. Il-konferenza ffokat fuq l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità, u anke l-Istrateġija Ewropea 2020, u l-Aġenda Soċjali Ewropea l-ġdida. Id-delegati ddiskutew kif l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Istrateġija jistgħu jgħinu biex il-persuni b'diżabilità jgawdu minn edukazzjoni inkussiva, aċċessibilità universali u jkollhom ukoll opportunitajiet indaqs fl-impjieg. Il-kelliema f'din il-konferenza kienu jinkludu rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, esperti tekniċi u rappreżentanti ta' għaqdiet tal-persuni b'diżabiltà.

### 6.4 Żjara ta' Studju ġewwa ċ-Ċentru tal-Gestalt ta' Londra.

Is-Sna Rosanne Fenech, Manager – Riżorsi Umani fil-KNPD attendiet għal Żjara ta' Studju ġewwa ċ-Ċentru tal-Gestalt ta' Londra.  Matul din il-Ġimgħa hija kellha diversi laqgħat ma' professjonisti li jaħdmu f'dan iċ-Ċentru sew bħala għalliema kif ukoll bħala psikoterapisti. Kellha wkoll laqgħat ma' studenti li waslu fir-raba' sena tat-taħriġ tagħhom fil-psikoterapija tal-Gestalt. Dan għen ħafna lis-Sna Fenech sabiex setgħet tkompli ssaħħaħ l-għarfien tagħha dwar il-prattika ta' din it-terapija.

Matul din iż-żjara hija kellha wkoll laqgħa importanti mal-koordinatriċi responsabbli mit-terapija li tingħata mil-*Low Cost Services* ta' dan iċ-Ċentru. Is-Sna Fenech attendiet ukoll għal Workshop ta' jumejn dwar *Conflict , Challenge & Confrontation in Groups* immexxi minn Michael Ellis, wieħed mid-Diretturi ta' dan iċ-Ċentru kif ukoll professjonist imħarreġ fl-użu tal-psikoterapija tal-Gestalt fl-organizzazzjonijiet. Barra minn hekk is-Sna Fenech kellha l-opportunità li tagħmel xogħol ta' riċerka fil-Librerija tinstab f'dan iċ-Ċentru.

### 6.5 Grupp ta' Uffiċċjali Għolja dwar id-Diżabilità

Il-KNPD ħadet sehem fit-tlett laqgħat tal-Grupp ta' Uffiċċjali Għolja dwar id-Diżabilità li saru matul l-2010. Għal dawn il-laqgħat attendew is-Sinjuri Anne-Marie Callus u Vickie Gauci, li huma rispettivament il-Membru u l-Membru Alternattiv ta' dan il-Grupp. Fost affarijiet oħra, f'dawn il-laqgħa ġew diskussi l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-iStrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020.

### 6.6 Sejħa għal Applikazzjonijiet mill-Fond Strutturali Ewropew

F'Settembru ħarġet sejħa għal applikazzjonijiet mill-Fond Strutturali Ewropew u l-KNPD ħadmet fil-qrib ma' entitajiet oħra sabiex jsiru applikazzjonijiet għal żewġ proġetti, li l-għan tagħhom hu li jiġi provdut taħriġ għal min jaħdem mal-persuni b'diżabilità sabiex ikomplu jitjiebu s-servizzi offruti lil

dawn il-persuni. L-applikazzjonijiet saru kif ġej:

- Proposta għal proġett immexxi mill-KNPD, bi sħab mal-Aġenzija Sapport u l-Ministeru ta' Għawdex bl-isem ***Promoting the Social Inclusion of Disabled Persons with Challenging Behaviour.***
- Proposta għal proġett immexxi mill-Aġenzija Sapport, bi sħab mal-KNPD u l-Fondazzjoni Maltija Klieb Gwida bl-isem ***Training Rehabilitation Workers for Persons with Visual Impairment.***

## 6.7 Servizz ta' SMS għal Persuni Neqsin mis-Smigħ

Fuq talba tal-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ, il-KNPD nediet servizz ta' SMS għal persuni neqsin mis-smigħ. L-għan tas-servizz tal-SMS hu li jagħti lill-persuni neqsin mis-smigħ aċċess sħiħ għas-servizzi tas-Segretarjat tal-KNPD sabiex, fost oħrajn:

- isaqsu dwar is-servizzi li hi toffri
- jagħmlu ilment rigward diskriminazzjoni a bażi tad-diżabilità tagħhom, jew
- jagħmlu kuntatt rigward affarijiet oħra li jikkonċernawhom.

In-numru ta' dan is-servizz hu 79788555. Dan in-numru għandu jintuża biss biex jintbagħtu SMS.

## 6.8 Membri ta' Bordijiet u Kumitati ta' Entitajiet Differenti.

Iċ-Ċermen, id-Direttur Eżekuttiv u membri tal-istaff fis-Segretarjat tal-KNPD huma Membri ta' Bordijiet u Kumitati ta' Entitajiet Differenti. Dawn huma kif ġej.

- Il-Grupp tas-Soċjetà Ċivili tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (l-MCESD)
- Il-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ (l-ETC)
- Il-Kunsill u s-Senat tal-Università ta' Malta
- Il-Bord tal-Gvernaturi tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (l-MCAST)
- Il-Kummissjoni Familja
- Il-Kumitat għall-Allokazzjoni tas-Servizzi tal-Aġenzija Sapport
- Il-Kumitat Konsultattiv tad-Diviżjoni tas-Saħħa
- Il-Bord tas-Skema L tal-Awtorità tad-Djar
- Il-Malta Community Chest Fund.

## 6.9 Entijatiet Fundaturi

Il-KNPD hi rappreżentata wkoll bħala waħda mill-Entijatiet Fundaturi tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tar-Respite Care, li tmexxi Dar il-Kaptan, u tal-Fondazzjoni għall-Aċċessbilità fl-Informatika (il-FITA).

## 6.10 taħdem fil-qrib ma' entitajiet oħra

Biex il-KNPD tkun tista' twettaq ix-xogħol tagħha b'mod effettiv, hi taħdem fil-qrib ma' entitajiet oħra. Ħafna minn dan ix-xogħol hu deskritt aktar 'il fuq f'dan ir-rapport. Barra mill-entitajiet imsemmija diġa f'dan ir-rappot, saru wkoll laqgħat u ħidma ma' diversi entitajiet oħra.

- Arthritis and Rheumatism Association (Malta)
- Campus FM
- Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ
- Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza

- L-Uffiċċju tal-Koordinatur tad-Diżabilità għal Għawdex
- Il-Ministeru tal-Finanzi
- Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjoni tal-Irtirar.

## 6.11 qasam tad-diżabilità fuq livell internazzjonali

Il-KNPD iżżomm ruħha aġġornata dwar dak li qed jiġri fil-qasam tad-diżabilità fuq livell internazzjonali permezz ta' kuntatti fil-qrib mal-Forum Ewropew tad-Diżabilità, id-*Disability Rights Committee* fi ħdan l-*Equality and Human Rights Commission* tar-Renju Unit, *Disability Wales* u *Inclusion Europe*, fost entitajiet oħra.

Aktar tagħrif dwar il-ħidma tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità tista' tinkiseb mis-sit elettroniku **www.knpd.org** jew mis-Segretarjat tal-KNPD f'St Venera.

**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Bugeia Institute**
**Triq Braille**
**St Venera**
**SVR 1619**

| | |
|---|---|
| **Tel:** | 2278 8555 |
| **Fax:** | 2278 8490 |
| **SMS biss:** | 7978 8555 |
| **Posta Elettronika:** | helpdesk@knpd.org |



# 05

# Appendiċi

## Statistika mir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità

**Tabella 1**

**Statistika Skond l-Età u s-Sess**

| Eta | Nisa | Irġiel | Total | 2010 | 2009 | Differenza |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 0-4 | 49 | 60 | 109 | 0.91 | 0.89 | 0.02 |
| 5-9 | 94 | 157 | 251 | 2.10 | 2.07 | 0.03 |
| 10-14 | 137 | 220 | 357 | 2.99 | 3.27 | -0.28 |
| 15-19 | 165 | 217 | 382 | 3.20 | 3.12 | 0.08 |
| 20-24 | 149 | 242 | 391 | 3.27 | 3.24 | 0.04 |
| 25-29 | 166 | 263 | 429 | 3.59 | 3.67 | -0.07 |
| 30-34 | 190 | 273 | 463 | 3.88 | 3.87 | 0.01 |
| 35-39 | 199 | 257 | 456 | 3.82 | 3.86 | -0.04 |
| 40-44 | 203 | 244 | 447 | 3.74 | 3.41 | 0.33 |
| 45-49 | 215 | 352 | 567 | 4.75 | 5.17 | -0.43 |
| 50-54 | 319 | 447 | 766 | 6.42 | 6.31 | 0.11 |
| 55-59 | 358 | 514 | 872 | 7.30 | 7.37 | -0.06 |
| 60-64 | 444 | 627 | 1071 | 8.97 | 8.72 | 0.25 |
| 65-69 | 416 | 548 | 964 | 8.07 | 7.80 | 0.27 |
| 70-74 | 510 | 574 | 1084 | 9.08 | 9.06 | 0.02 |
| 75-79 | 603 | 463 | 1066 | 8.93 | 9.06 | -0.14 |
| 80-84 | 707 | 524 | 1231 | 10.31 | 10.27 | 0.04 |
| >85 | 612 | 368 | 980 | 8.21 | 8.17 | 0.03 |
| Mhux magħrufa | | | 54 | 0.45 | 0.65 | |
| **Total** | **5536** | **6350** | **11940** | | | |

**Grafika 1** **Statistika Skond l-Età**



**Tabella 2**

## Statistika Skond l-Età Matul is-Snin

| Sena | 0-16 | | 17-59 | | 60+ | | Mhux Magħrufa | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru | % | Nru | % | Nru | % | | |
| **1994** | 815 | 24.5 | 1839 | 55.2 | 651 | 19.5 | 25 | 3330 |
| **1999** | 1089 | 17.2 | 2961 | 46.7 | 2286 | 36.1 | 4 | 6340 |
| **2003** | 1260 | 16.6 | 3388 | 44.5 | 2962 | 38.9 | 0 | 7610 |
| **2005** | 764 | 8.4 | 3854 | 42.5 | 4388 | 48.4 | 57 | 9063 |
| **2006** | 807 | 8.4 | 4030 | 41.7 | 4771 | 49.4 | 55 | 9663 |
| **2007** | 819 | 8.0 | 4188 | 40.7 | 5227 | 50.8 | 57 | 10291 |
| **2008** | 837 | 7.3 | 4449 | 38.6 | 6193 | 53.7 | 54 | 11532 |
| **2009** | 864 | 7.4 | 4535 | 38.9 | 6198 | 53.1 | 76 | 11673 |
| **2010** | 874 | 7.3 | 4616 | 38.7 | 6396 | 53.6 | 54 | 11940 |

**Grafika 2** **Statistika Skond l-Età Matul is-Snin**



**Tabella 3**

## Statistika Skond in-Nuqqas

| | Nru | | | | | % | | Differenza 2008-2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2010 | 2009 | 2008 | 2007 | 2006 | 2010 | 2009 | |
| **Fiżika** | 8470 | 8190 | 7801 | 6556 | 5953 | 70.94 | 70.16 | 0.78 |
| **Intellettwali** | 2269 | 2234 | 2184 | 2052 | 1964 | 19.00 | 19.14 | -0.13 |
| **Psikoloġika** | 1214 | 1182 | 1166 | 1054 | 946 | 10.17 | 10.13 | 0.04 |
| **Vista** | 1138 | 1166 | 1236 | 1159 | 1129 | 9.53 | 9.99 | -0.46 |
| **Smigħ** | 1019 | 1060 | 1128 | 1062 | 1025 | 8.53 | 9.08 | -0.55 |
| **Aktar minn wieħed** | 2286 | 2292 | 2284 | 2022 | 1881 | 19.15 | 19.64 | -0.49 |
| **Mhux speċifikat** | 886 | 903 | 1140 | 1279 | 1383 | 7.42 | 7.74 | -0.32 |

**Nota:** It-totali huma akbar minħabba li hemm numru ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed

**Grafika 3** **Statistika Skond in-Nuqqas**



Tabella 4

## Statistika Skond in-Nuqqas u l-Età kull Ħames Snin

| Età | Fiżika | % | Psikoloġika | % | Intelletwali | % | Smigħ | % | Vista | % | Aktar minn wieħed | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **0-4** | 63 | 0.74 | 29 | 2.39 | 59 | 2.60 | 5 | 0.49 | 11 | 0.97 | 47 | 2.06 |
| **5-9** | 90 | 1.06 | 77 | 6.34 | 158 | 6.96 | 21 | 2.06 | 16 | 1.41 | 97 | 4.24 |
| **10-14** | 156 | 1.84 | 79 | 6.51 | 194 | 8.55 | 37 | 3.63 | 33 | 2.90 | 118 | 5.16 |
| **15-19** | 157 | 1.85 | 78 | 6.43 | 202 | 8.90 | 44 | 4.32 | 24 | 2.11 | 109 | 4.77 |
| **20-24** | 189 | 2.23 | 65 | 5.35 | 193 | 8.51 | 37 | 3.63 | 34 | 2.99 | 104 | 4.55 |
| **25-29** | 220 | 2.60 | 57 | 4.70 | 184 | 8.11 | 49 | 4.81 | 32 | 2.81 | 108 | 4.72 |
| **30-34** | 219 | 2.59 | 59 | 4.86 | 171 | 7.54 | 48 | 4.71 | 42 | 3.69 | 91 | 3.98 |
| **35-39** | 248 | 2.93 | 68 | 5.60 | 145 | 6.39 | 43 | 4.22 | 43 | 3.78 | 94 | 4.11 |
| **40-44** | 285 | 3.36 | 57 | 4.70 | 130 | 5.73 | 24 | 2.36 | 28 | 2.46 | 79 | 3.46 |
| **45-49** | 340 | 4.01 | 72 | 5.93 | 120 | 5.29 | 57 | 5.59 | 59 | 5.18 | 110 | 4.81 |
| **50-54** | 527 | 6.22 | 108 | 8.90 | 141 | 6.21 | 52 | 5.10 | 75 | 6.59 | 146 | 6.39 |
| **55-59** | 634 | 7.49 | 96 | 7.91 | 119 | 5.24 | 71 | 6.97 | 79 | 6.94 | 137 | 5.99 |
| **60-64** | 848 | 10.01 | 102 | 8.40 | 118 | 5.20 | 67 | 6.58 | 94 | 8.26 | 163 | 7.13 |
| **65-69** | 797 | 9.41 | 56 | 4.61 | 67 | 2.95 | 56 | 5.50 | 87 | 7.64 | 124 | 5.42 |
| **70-74** | 926 | 10.93 | 51 | 4.20 | 64 | 2.82 | 78 | 7.65 | 86 | 7.56 | 149 | 6.52 |
| **75-79** | 919 | 10.85 | 39 | 3.21 | 52 | 2.29 | 76 | 7.46 | 105 | 9.23 | 146 | 6.39 |
| **80-84** | 903 | 10.66 | 48 | 3.95 | 69 | 3.04 | 78 | 7.65 | 118 | 10.37 | 183 | 8.01 |
| **>85** | 949 | 11.20 | 73 | 6.01 | 83 | 3.66 | 176 | 17.27 | 172 | 15.11 | 281 | 12.29 |
| | 8470 | 100.00 | 1214 | 100.00 | 2269 | 100.00 | 1019 | 100.00 | 1138 | 100.00 | 2286 | 100.00 |

**Nota:** It-totali huma akbar minħabba li hemm numru ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed

**Tabella 4.1**

## Statistika Skond in-Nuqqas u l-Età (Tfal, Kbar u Anzjani)

| Età | Fiżika | % | Psikoloġika | % | Intelletwali | % | Smigħ | % | Vista | % | Aktar minn wieħed | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **0-16** | 371 | 4.38 | 220 | 18.12 | 499 | 21.99 | 80 | 7.85 | 73 | 6.41 | 312 | 13.65 |
| **17-59** | 2757 | 32.55 | 625 | 51.48 | 1317 | 58.04 | 408 | 40.04 | 403 | 35.41 | 928 | 40.59 |
| **60+** | 5342 | 63.07 | 369 | 30.40 | 453 | 19.96 | 531 | 52.11 | 662 | 58.17 | 1046 | 45.76 |
| | 8470 | 100.00 | 1214 | 100.00 | 2269 | 100.00 | 1019 | 100.00 | 1138 | 100.00 | 2286 | 100.00 |

**Grafika 4** **Statistika Skond in-Nuqqas u l-Età (Tfal, Kbar u Anzjani)**



**Tabella 5**

**Prevalenza tad-Diżabilità Mqabbla mal-Popolazzjoni**

| Sena | Prevalenza |
|---|---|
| 1994 | 0.9 |
| 1999 | 1.6 |
| 2003 | 1.9 |
| 2005 | 2.3 |
| 2006 | 2.4 |
| 2007 | 2.5 |
| 2008 | 2.8 |
| 2009 | 2.8 |

**Grafika 5** **Prevalenza tad-Diżabilità Mqabbla mal-Popolazzjoni**



Tabella 6

## Prevalenza skond il-Lokalità

| | | | |
|---|---|---|---|
| Attard | 213 | Mtarfa | 72 |
| Balzan | 132 | Munxar | 25 |
| Birgu | 103 | Nadur | 106 |
| Birkirkara | 668 | Naxxar | 264 |
| Birzebbuġia | 233 | Paola | 328 |
| Bormla | 214 | Pembroke | 64 |
| Dingli | 83 | Pietà | 143 |
| Fgura | 333 | Qala | 44 |
| Floriana | 110 | Qormi | 518 |
| Fontana | 25 | Qrendi | 74 |
| Għajnsielem | 65 | Rabat | 479 |
| Għarb | 40 | Safi | 44 |
| Għargħur | 58 | San Ġiljan | 262 |
| Għasri | 9 | San Ġwann | 302 |
| Għaxaq | 94 | San Lawrenz | 20 |
| Gudja | 57 | San Pawl il-Baħar | 457 |
| Gżira | 241 | Sannat | 48 |
| Ħamrun | 398 | Siggiewi | 290 |
| Iklin | 46 | Sliema | 572 |
| Isla | 89 | Sta Lucia | 97 |
| Kalkara | 69 | Sta Venera | 244 |
| Kerċem | 39 | Swieqi | 156 |
| Kirkop | 42 | Ta' Xbiex | 64 |
| Lija | 67 | Tarxien | 220 |
| Luqa | 145 | Valletta | 265 |
| Marsa | 232 | Victoria | 185 |
| Marsascala | 250 | Xagħra | 91 |
| Marsaxlokk | 75 | Xewkija | 75 |
| Mdina | 16 | Xgħajra | 22 |
| Mellieħa | 226 | Żabbar | 403 |
| Mġarr | 71 | Żebbuġ | 297 |
| Mosta | 468 | Żebbuġ (Għawdex) | 48 |
| Mqabba | 69 | Żejtun | 345 |
| Msida | 206 | Żurrieq | 235 |

Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

Bugeia Institute
Braille Street
Santa Venera
Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org

www.knpd.org

ISBN No: 978-99909-71-50-7